

# Snajjin Stadium

Joseph Felix Cachia

Tliet qigħan kienu l-*ground* tagħna,
Ftit 'l fuq minn Ta' Snajjin.
Blat tal-qawwi, u trab ħamrani,
B'ċint tas-sejjieħ imdawrin.



Xejn invelli, ħlief fid-dwawar,
Xewk u għansar flok ħaxix.
Ftit xita, u *ground* imfawwar,
Bit-tajn, ballun ma jimxix.

Fir-riħ, trabijiet itiru,
Jekk taqa' joħroġ id-demm.
Bix-xita, flieles insiru,
Lanqas girna, ma kien hemm.

Flok lasti dejjem użajna,
Erba' blajjet imwaqqfin.
L-ebda linja qatt ma żbagħjna,
B'tal-knisja nżommu l-ħin.



*Football* mhux żgur qatt użajna,
Dejjem żgħir kien il-ballun.
'Mma nikkontrollawh sew drajna,
U nitħabtu daqs iljun.

Minn hemm ħriġna l-ewwel *champions*,
Meta *league* ġie organizzat.
L-isem kellna ta' Red Lions,
Sentejn ħadna l-kampjonat.



Il-qigħan illum mgħottija,
Bil-ġebel u bil-konkrit.
Però jien, nibqa' ntenniha,
Mill-qigħan kemm ħareġ ġid!

*Players* tajba, il-*ground* tana,
Uħud ħadu fama sew.
Naħseb illi taqblu magħna,
Li l-qigħan, le jintesew.